**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Francesco Depasquale LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Il-Pulizija.**
**(Spettur Gabriel Micallef)**

**Vs**

**Antonio Andolfo**

**Drogi Sommarji 200/16**

Illum 6 ta' Settembru, 2016.

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjoni migjubha kontra Antonio Andolfo ta' 47 sena, iben Giuseppe u Giovanna nee` Andolfo, imwieled Catania nhar il-5 ta' Novembru, 1968 residenti Via Delle Medaglie D' Oro, numero 1, Catania, detentur tal-karta ta' l-identita` Taljana bin-numru AR3685336.

Talli nhar l-4 ta' Settembru, 2016, gewwa dawn il-gzejjer:

1) Importa jew gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga sabiex tigi importata medicina perikoluza (Cannabis Grass) f' Malta, bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2) Kellu fil-pussess tieghu il-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur ta' l-Art. 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

3) Talli sar recidiv b' sentenza moghtija mill-Qorti ta' Malta, datata 13 ta' Marzu, 2014, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Ukoll il-Qorti hija mitluba sabiex f' kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti rat tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi u l-Art. 8(d) tal- Kap. 101, kif wkoll l-Art. 533 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet l-ammissjoni ta' l-akkuzat.

Wara illi tat zmien lill-akkuzat sabiex jerga jikkonsidra tali ammissjoni, huwa rega ammetta l-akkuzi. Fic-cirkostanzi il-Qorti ssibu hati ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghu u wara li qiset l-fatti kollha tal-kaz, tikkundannah piena ta' prigunerija ta' sitt xhur sospizi ghal 4 snin, kif wkoll timmultah multa ta' €1000, pagabbli fuq medda ta' ghaxar xhur, b' effett mill-1 ta' Ottubru, 2016, b' dan illi jekk jonqos pagament wiehed, l-import kollu jkun dovut minnhufih u jkun konvertibbli f' habs minghajr il-htiega ta' ebda att gudizzjarju iehor.

Tordna l-konfiska u d-distruzzjoni tad-droga Cannabis ezebita.

***Dr. Francesco Depasquale LL.D., LL.M. (IMLI)***
***Magistrat***

***Marisa Bugeja***
***Deputat Registratur***